# Il-Kontijiet ta' Kull Tliet Xhur tal-Gvern Ġenerali: K4/2023

NR 071/2024, Release Date: 22 April 2024

*Fl-aħħar kwart tal-2023, il-Gvern Ġenerali rreġistra deficit ta' €596.9 miljun.*



**Il-kontijiet mhux finanzjarji ta' kull tliet xhur (t/t-4)**

Bejn Ottubru u Diċembru 2023, id-dħul sħiħ kien ta' €1,711.7-il miljun, li hija żieda ta' €66.0 miljun meta mqabbel mal-istess żmien fl-2022. Dan kien ġej l-aktar minn żidiet fit-Taxxi fuq il-produzzjoni u l-importazzjoni (€38.4 miljun), il-Kontribuzzjonijiet soċjali netti riċevibbli (€31.5 miljun) u l-Output tas-suq (€18.6-il miljun). Min-naħa l-oħra, kien hemm tnaqqis fit-Taxxi kurrenti fuq id-dħul u l-ġid (€37.6 miljun) (Tabella nru 2).

Fl-istess żmien, in-nefqa sħiħa kienet tgħodd mal-€2,308.7 miljuni, li hija żieda ta' €320.7 miljun fuq l-istess perjodu fl-2022. L-akbar żidiet kienu rreġistrati fit-Trasferimenti kapitali pagabbli (€151.2 miljun), il-Konsum intermedju (€59.3 miljun), il-Formazzjoni ta' kapital gross (€51.8 miljun), il-Kumpens tal-impjegati (€33.4 miljun) u d-Dħul mill-Proprjetà pagabbli (€22.9 miljun) (Tabella nru 3).

Saru aġġustamenti lid-data tal-Fond Konsolidat tal-Gvern sabiex din tinqaleb għal sistema ta' kontabilità bbażata fuq id-dovuti (accruals) u b'hekk tkun taqbel mal-ħtiġijiet tal-ESA 2010. Fl-aħħar kwart tal-2023, dawn l-aġġustamenti ġabu tnaqqis ta' €163.2 miljun fid-defiċit tal-Fond Konsolidat sabiex b'hekk dan kien ta' €760.2 miljun (Tabella nru 4).

## Ċart nru 1. Id-dħul u n-nefqa tal-Gvern Ġenerali

in € millions




**Il-Kontijiet Finanzjarji ta' Kull Tliet Xhur (t/t-1)**

B'rabta mat-tranżazzjonijiet finanzjarji tal-assi, meta mqabblin mar-raba' kwart tal-2022, dehru żidiet f'Kontijiet oħra riċevibbli (€285.7 miljun), it-titoli ta' dejn b'terminu qasir (€49.0 miljun) u l-Ishma ta' fondi ta' investiment (€42.1 miljun). Min-naħa l-oħra, il-Munita u d-depożiti, u s-Self b'terminu twil naqsu b'€410.3 miljun u €19.7-il miljun, rispettivament (Tabella nru 7).

Meta jitqiesu t-tranżazzjonijiet finanzjarji f'obbligazzjonijiet, l-akbar żidiet kienu rreġistrati f'Kontijiet oħra pagabbli (€179.3 miljun), it-titoli ta' dejn b'terminu qasir (€148.4 miljun) u t-titoli ta' dejn b'terminu twil (€122.1 miljun). B'kuntrast ma' dan, kien irreġistrat tnaqqis fil-Munita u d-depożiti (€1.0 miljun) (Tabella nru 8).

**Id-Dejn ta' Kull Tliet Xhur (t/t-4)**

Fl-aħħar ta' Diċembru, id-Dejn tal-Gvern Ġenerali kien ta' €9,767.8 miljun, jew 50.4 fil-mija tal-Prodott Domestiku Gross (PDG). Din hija żieda ta' €768.1 miljun fuq l-istess trimestru tal-2022, li kienet ġejja l-aktar mid-Dejn tal-Gvern Ċentrali li kien jilħaq id-€9,766.0 miljun. Il-Munita u d-Depożiti laħqu l-€454.5 miljun, li huma tnaqqis ta' €19.5-il miljun meta mqabblin ma' Diċembru tal-2022. Dan jinkludi l-muniti tal-ewro maħruġin f'isem it-Teżor, li huma meqjusin bħala piż għall-Gvern Ċentrali, u l-iStokk 62+ ta' Tifdil tal-Gvern li kienu jġibu t-€351.7 miljun. It-Titoli ta' dejn b'terminu twil żdiedu b'€952.2 miljun, filwaqt li t-Titoli ta' dejn b'terminu qasir naqsu b'€243.7 miljun, rispettivament. Barra minn hekk, is-self b'terminu twil żdied b'€79.1 miljun. Id-dejn tal-Gvern lokali kien ta' €1.9 miljuni (Tabella nru 11).

## Ċart nru 2. Id-dejn tal-Gvern Ġenerali

in € millions




Fl-aħħar ta' Diċembru 2023, id-dejn garantit mill-Gvern Ġenerali ammonta għal €1,142.2 miljun, li huwa daqs 5.9 fil-mija tal-PDG. B'hekk, kien hemm tnaqqis ta' €17.9-il miljun meta mqabbel mal-aħħar kwart tal-2022 (Tabella nru 11).